# Bord Li Jirregola l-Kera

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru. 949/2021 LC**

**ALEXANDER FALZON** (K.I. 179654M) u
**MICHAEL FALZON** (K.I. 680745M) personalment u
Bħala mandatarji tal-assenti ħuthom John u George aħwa
Falzon.

**VS**

**HANI AL GIRBI** (K.I. 184312L) U
**NATHALIE BRIFFA AL GIRBI** (K.I. 172181M)

**Illum, 08 ta' Lulju, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Alexander Falzon (K.I. 179654M) u Michael Falzon (K.I. 680745M) personalment u bħala mandatarji tal-assenti ħuthom John u George aħwa Falzon datat l-24 ta' Novembru 2021 fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord jogħġbu:-

Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensati mis-smiegħ tal-kawża odjerna bil-proċeduri sommarji speċjali kif stabbiliti mil-Liġi a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jitolbu lil dan il-Bord sabiex jordna lill-intimati biex jidhru quddiemu fil-ġurnata u l-ħin kif stabbilit mill-istess Bord u f'każ li l-intimati jkunu kontumaċi f'dik is-seduta, jew inkella jekk huma jonqsu milli juru f'dik is-seduta li jkollhom difiża li tiswa u li jistgħu jagħmlu sabiex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord għandu:

1. Jikkundanna lill-intimati jħallsu "*in solidum*" is-somma ta' sitt mija u erbgħin Ewro (€640) bħala bilanċ ta' kera tal-ħanut "Orion Store", Depiro Street, Sliema għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2020.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 2020, ta l-ittra uffiċjali numru 1495/2020 tal-4 ta' Awwissu 2020 mibgħuta a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Mandat ta' Sekwestru preżentata kontestwalement u tal-imgħax legali mill-1 ta' Diċembru 2019 data tal-iskadenza ta' kera, kontra l-konvenuti minn issa nġunit biex jidhru personalment għas-subbizzjoni.

Ra illi l-intimati ġew notifikati personalment b'dawn il-proċeduri fl-24 ta' Frar 2022[1] iżda minkejja dan hu la daħħlu risposta u lanqas deheru sabiex jiddefendu l-posizzjoni tiegħu kontra t-talbiet attriċi;

Ra illi b'Digriet datat il-21 ta' Marzu 2022, il-Bord ċaħad it-talba għad-dispensa tas-smiegħ u ordna l-prosegwiment tal-kawża;

[1] Ara fol. 17 a tergo, tal-atti proċesswali.

Ra illi b'nota preżentata fit-13 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti rriduċew it-talba tagħhom għas-somma ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€620);

Ra illi b'nota preżentata fis-27 ta' Ġunju 2022 l-intimati ppreżentaw nota ta' ammissjoni għat-talbiet kollha tar-rikorrenti

Sema' x-xhieda prodotta;

Ra d-dokumenti kollha eżebiti;

Ra illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkonsidra,

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu s-somma ta' €620 rappreżentanti bilanċ ta' kera dovuta fuq il-fond bl-isem ta' "Orion Store" fi Triq Depiro, tas-Sliema. Illi din il-kirja, flimkien mal-kirja ta' fond ieħor, ġiet fis-seħħ permezz ta' skrittura privata datata l-11 ta' April 2014[2] u baqgħet tiġġedded tul is-snin. Illi jirriżulta, madanakollu, li l-intimati huma debituri fuq il-kera tal-imsemmi fond "Orion Store" fl-ammont ta' €620.

Illi permezz ta' nota datata l-24 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti ammettew it-talbiet kollha dedotti kontrihom u b'hekk, abbażi ta' din l-ammissjoni, il-Bord huwa konvint li r-rikorrenti rnexxielu jipprova t-talbiet tiegħu u għandhom jiġu akkolti mill-Bord.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-kawża preżenti billi:

---

[2] Ara dok "B" a fol. 4 tal-Atti proċesswali.

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talba għad-dispensa tas-smiegħ, stante li din diġà ġiet preċedentement deċiża minn dan il-Bord;

2. Jilqa' t-tieni talba u  jikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti "*in solidum*" is-somma ta' sitt mija u erbgħin Ewro (€640), bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' Diċembru 2019;

Bl-ispejjeż tal-preżenti, kif ukoll dawk tal-ittra bonarja datata s-17 ta' Lulju 2020; tal-ittra uffiċjali maħruġa a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata l-4 ta' Awwissu 2020 (Ittra Nru numru 1495/2020) u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat fl-24 ta' Novembru 2021 (Mandat Nru 1733/2021) ikunu a karigu esklussiv tal-intimati.

Dr Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur.**